



KUMMISSJONI EWROPEA

Brussell, XXX
[...]^C

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru .../..

ta' [...]

li jemenda r-Regolament (UE) Nru .../... li jistabbilixxi rekwiżiti tekniċi u proċeduri amministrattivi relatati mal-operazzjonijiet tal-ajru skont ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru .../..

ta'

li jemenda r-Regolament (UE) Nru .../... li jistabbilixxi rekwiżiti tekniċi u proċeduri amministrattivi relatati mal-operazzjonijiet tal-ajru skont ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Frar 2008 dwar regoli komuni fil-kamp tal-avjazzjoni ċivili u li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni, u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 91/670/KEE, ir-Regolament (KE) Nru 1592/2002 u d-Direttiva 2004/36/KE ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 8(5) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE) Nru .../... jippreskrivi rekwiżiti tekniċi u proċeduri amministrattivi relatati mal-operazzjonijiet tal-ajru.
- (2) Skont l-Artikolu 22(2) tar-Regolament (KE) Nru 216/2008, ir-regoli ta' implimentazzjoni relatati mal-ħinijiet tat-tajran u tax-xogħol u mar-rekwiżiti tal-mistrieħ inizzjalment għandhom jinkludu d-dispożizzjonijiet sostantivi kollha tas-Subparti Q tal-Anness III għar-Regolament (KEE) Nru 3922/91, billi tittieħed f'kunsiderazzjoni l-aħħar evidenza teknika u xjentifika.
- (3) Ir-Regolament (UE) Nru .../... għandu għalhekk jiġi emendat sabiex jinkludi l-limitazzjonijiet tal-ħin tat-tajran u tax-xogħol u r-rekwiżiti tal-mistrieħ.
- (4) Ir-Regolament (UE) Nru .../... jieħu f'kunsiderazzjoni l-limiti u l-istandards minimi li huma diġà stabbiliti fid-Direttiva 2000/79/KE (5). Il-limiti stabbiliti f'dik id-Direttiva għandhom dejjem jiġu rrispettati għall-ħaddiema mobbli fil-kamp tal-avjazzjoni ċivili. Id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru .../... u dispożizzjonijiet oħrajn approvati skont dan ir-Regolament fl-ebda ċirkostanza ma għandhom ikunu usa' u b'hekk jipprovdu lil dawk il-ħaddiema b'inqas protezzjoni. Id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament huma wkoll mingħajr preġudizzju għal leġislazzjoni soċjali nazzjonali aktar protettiva.
- (5) L-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni ħejjiet abbozz ta' regoli ta' implimentazzjoni u sottomettiethom bħala opinjoni lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 19(1) tar-Regolament (KE) Nru 216/2008.
- (6) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 65 tar-Regolament (KE) Nru 216/2008.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

⁽¹⁾ ĠU L 79, 13.3.2008, p. 1.

Artikolu 1

Ir-Regolament (UE) Nru .../.... huwa emendat kif ġej:

1. Fl-Artikolu 2 għandha tiddaħħal id-definizzjoni li ġejja:
“Operazzjoni ta’ taxi bl-ajru” tfisser, għall-fini tal-limitazzjonijiet tal-ħin tat-tajran u tal-ħin tax-xogħol, operazzjonijiet kummerċjali ta’ trasport bl-ajru fuq talba u mhux skedati b’ajruplan b’konfigurazzjoni operattiva massima ta’ postijiet għall-passiġġieri (MOPSC) ta’ 19 jew inqas.’
2. Il-paragrafu 1.(a) tal-Artikolu 8 jinbidel b’li ġej:
‘Artikolu 8

Limitazzjonijiet tal-ħin tat-tajran

Il-limitazzjonijiet tal-ħin tat-tajran u tax-xogħol għandhom ikunu soġġetti għal li ġej:

L-operaturi li jwettqu operazzjonijiet kummerċjali ta’ trasport bl-ajru b’ajruplani għandhom jikkonformaw mas-Subparti FTL tal-Anness III. L-operazzjonijiet CAT li ġejjin ma għandhomx ikunu soġġetti għas-Subparti FTL tal-Anness III:

operazzjonijiet ta’ taxi bl-ajru b’ajruplan;

operazzjonijiet ta’ servizz mediku ta’ emerġenza b’ajruplan; u

operazzjonijiet b’ajruplani li jittajru minn bdot wieħed.

Sakemm jiġu adottati r-regoli ta’ implimentazzjoni relatati għal tali operazzjonijiet, għandhom japplikaw l-Artikolu 8(4) u s-Subparti Q tal-Anness III għar-Regolament (KEE) Nru 3922/91 u l-eżenzjonijiet nazzjonali relatati fuq il-bażi tal-valutazzjonijiet tar-riskju għas-sikurezza mwettqa mill-awtoritajiet kompetenti.’

3. Fl-Anness II, għandhom jiżdiedu l-punti ġodda li ġejjin:

‘ARO.OPS.230 Id-determinazzjoni ta’ skedi li jfixklu

Għall-fini tal-FTL, l-awtorità kompetenti għandha tiddetermina, skont id-definizzjonijiet ta’ ‘tip bikri’ u ‘tip tard’ f’ORO.FTL.105, liema wieħed minn dawn iż-żewġ tipi ta’ skedi li jfixklu għandu jkun applikabbli għall-operaturi kummerċjali kollha tat-trasport bl-ajru taħt is-sorveljanza tagħha.’

ARO.OPS.235 L-approvazzjoni ta’ skemi individwali ta’ speċifikazzjoni tal-ħin tat-tajran

L-awtorità kompetenti għandha tapprova l-iskemi ta’ speċifikazzjoni tal-ħin tat-tajran proposti mill-operaturi kummerċjali tat-trasport bl-ajru jekk l-operatur ikun wera prova tal-konformità mar-Regolament (KE) Nru 216/2008 u mas-Subparti FTL tal-Anness III għal dan ir-Regolament.

- (a) Kull meta skema ta’ speċifikazzjoni tal-ħin tat-tajran proposta minn operatur tiddevja mill-Ispeċifikazzjonijiet taċ-Certifikkazzjoni applikabbli maħruġa mill-Aġenzija, l-awtorità kompetenti għandha tapplika l-proċedura deskritta fl-Artikolu 22(2) tar-Regolament (KE) Nru 216/2008.
- (b) Kull meta skema ta’ speċifikazzjoni tal-ħin tat-tajran proposta minn operatur tidderoga mir-Regoli ta’ Implimentazzjoni applikabbli, l-awtorità kompetenti għandha tapplika l-proċedura deskritta fl-Artikolu 14(6) tar-Regolament (KE) Nru 216/2008.

- (c) Id-devjazzjonijiet jew id-derogi approvati għandhom ikunu soġġetti għal evalwazzjoni medika u xjentifika indipendenti wara l-applikazzjoni tad-devjazzjoni jew tad-deroga.
4. Fl-Anness III, għandha tiġi inkluża Subparti FTL ġdida skont l-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

3 snin wara d-dħul fis-seħħ, l-Aġenzija għandha tagħmel analiżi tal-effettività tad-dispożizzjonijiet li jikkonċernaw il-limitazzjonijiet tal-ħin tat-tajran u tax-xogħol u r-rekwiżiti tal-mistrieħ inklużi fl-Anness II u III tar-Regolament (UE) .../... Din l-analiżi għandha tkun ibbażata fuq dejta operattiva miġbura fuq perjodu ta' żmien twil wara d-dħul fis-seħħ u għandha tiffoka mill-inqas fuq dawn li ġejjin:

1. l-impatt ta' xogħol ta' aktar minn 13-il siegħa f'ħin aktar favorevoli tal-ġurnata;
2. l-impatt ta' xogħol ta' aktar minn 10 sigħat f'ħin inqas favorevoli tal-ġurnata;
3. l-impatt ta' xogħol ta' aktar minn 11-il siegħa għall-membri tal-ekwipaġġ fi stat mhux magħruf ta' akklimatizzazzjoni;
4. l-impatt possibbli ta' livell għoli ta' setturi (>6) fuq il-viġilanza tal-ekwipaġġ; u
5. l-impatt tal-iskedi li jfixklu fuq il-limiti kumulattivi.

Artikolu 3

1. Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ għoxrin jum wara li jiġi ppubblikat fil- *Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.
2. Huwa għandu jibda japplika minn [sena wara d-dħul fis-seħħ tiegħu].
3. Permezz ta' deroga mit-tieni subparagrafu tal-paragrafu 1, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jkomplu japplikaw l-Artikolu 8(4) u OPS 1.1115 tas-Subparti Q tal-Anness III għar-Regolament (KEE) Nru 3922/91 u l-eżenzjonijiet nazzjonali relatati abbażi tal-valutazzjonijiet tar-riskju għas-sikurezza mwettqa mill-awtoritajiet kompetenti minflok ORO.FTL.210 (e) sa [sentejn wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].
4. Meta Stat Membru jagħmel użu mid-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 2, huwa għandu jinnotifika lill-Kummissjoni u lill-Aġenzija. Din in-notifika għandha tiddekrivi r-raġunijiet u t-tul ta' żmien għal tali deroga, kif ukoll il-programm ta' implimentazzjoni li jinkludi l-azzjonijiet previsti u l-perjodu ta' żmien relatat.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kummissjoni

Membru tal-Kummissjoni

ANNEX

PARTI-ORO (REKWIŻITI TA' ORGANIZZAZZJONI)

Subparti — Limitazzjonijiet tal-ħin tat-tajran u tax-xogħol u r-rekwiżiti tal-mistrieħ

Taqsim 1

Ġenerali

ORO.FTL.100 Kamp ta' applikazzjoni

Din is-Subparti tistabbilixxi r-rekwiżiti li għandhom jiġu ssodisfati minn operatur fir-rigward tal-limitazzjonijiet tat-tajran u tax-xogħol u r-rekwiżiti tal-mistrieħ għall-membri tal-ekwipaġġ.

ORO.FTL.105 Definizjonijiet

Għall-iskop ta' din is-Subparti, għandhom japplikaw id-definizjonijiet li ġejjin:

‘Akklimatizzat’: tfisser li membru tal-ekwipaġġ jitqies bħala akklimatizzat għaż-żona tal-ħin fuq firxa ta' sagħtejn madwar il-ħin lokali tal-punt tat-tluq tiegħu. Meta l-ħin lokali tal-post fejn jibda s-servizz ikun differenti b'aktar minn sagħtejn minn dak tal-post fejn jiġi fi tmiemu s-servizz, il-membri tal-ekwipaġġ jitqies bħala akklimatizzat skont il-valuri stabbiliti fit-tabella ta' hawn taħt għall-kalkolazzjoni tal-FDP massimu ta' kuljum.

Differenza tal-ħin (h) bejn il-ħin ta' referenza u l-ħin lokali meta l-membri tal-ekwipaġġ jibda s-servizz sussegwenti	Il-ħin li għadda mir-rapportaġġ fil-ħin ta' referenza				
	<48	48–71:59	72–95:59	96–119:59	≥120
< 4	B	D	D	D	D
≤6	B	X	D	D	D
≤9	B	X	X	D	D
≤12	B	X	X	X	D

‘B’ tfisser akklimatizzat għall-ħin lokali taż-żona tal-ħin tat-tluq,

‘D’ tfisser akklimatizzat għall-ħin lokali meta l-membri tal-ekwipaġġ jibda s-servizz sussegwenti tiegħu, u

‘X’ tfisser li membru tal-ekwipaġġ huwa fi stat mhux magħruf ta' akklimatizzazzjoni.

‘Akkomodazzjoni’ tfisser, għall-fini ta' xogħol standby u maqsum f'perjodi, post kwiet u komdu mhux miftuħ għall-pubbliku bl-abbiltà li jikkontrolla d-dawl u t-temperatura, mgħammar b'għamara adegwata li tipprovdi lil membru tal-ekwipaġġ b'possibbiltà li jorqod, b'biżżejjed kapaċità biex jakkomoda lill-membri kollha tal-ekwipaġġ preżenti fl-istess ħin u b'aċċess għal ikel u xorb.

‘Servizz fl-ajruport’ tfisser perjodu ta’ żmien definit u notifikat minn qabel li matulu membru tal-ekwipaġġ jintalab mill-operatur biex ikun fl-ajruport disponibbli minnufih biex jirċievi assenjazzjoni għal tajrana, pożizzjonament jew xogħol ieħor.

‘Ekwipaġġ miżjud tat-tajrana’ tfisser ekwipaġġ tat-tajrana li jinvolvi aktar min-numru minimu meħtieġ għall-operat tal-inġenju tal-ajru, li jagħti ċ-ċans lil kull membru tal-ekwipaġġ tat-tajrana jħalli postu u jiġi sostitwit minn membru ieħor tal-ekwipaġġ tat-tajrana bi kwalifiki xierqa għall-fini tal-mistrieħ waqt it-tajrana.

‘Pawża’ tfisser perjodu ta’ żmien fi ħdan FDP, iqsar minn perjodu ta’ mistrieħ, li jgħodd bħala servizz u li matulu membru tal-ekwipaġġ ikun ħieles mill-kompiti kollha.

‘Dewmien fir-rapporagġ’ tfisser il-posponiment ta’ FDP skedat mill-operatur qabel ma membru tal-ekwipaġġ ikun ħalla l-post ta’ mistrieħ tiegħu.

Skeda li tfixkel’ tfisser ir-roster ta’ membru tal-ekwipaġġ li tinvolvi FDP jew kombinazzjoni ta’ FDPs li jibded, jiġu fi tmiemhom matul jew li jitħalltu ma’ kwalunkwe porzjon tal-ġurnata jew tal-lejl fejn membru tal-ekwipaġġ ikun akklimatizzat, li tfixkel l-opportunità ta’ rqaq matul l-aħjar ħin biex isir l-irqad. Skeda tista’ tkun waħda li tfixkel minħabba tajraniet li jibded kmieni, li jintemmu tard u xogħol matul il-lejl.

(a) ‘Tip bikri’ ta’ skeda li tfixkel tfisser:

(1) għal ‘tajrana li tibda kmieni’, perjodu ta’ xogħol li jibda fil-perjodu bejn il-05:00 u l-05:59 fil-żona tal-ħin li għalih membru tal-ekwipaġġ ikun akklimatizzat; u

(2) għal ‘tajrana li tintemm tard’, perjodu ta’ xogħol li jiġi fi tmiemu fil-perjodu bejn il-23:00 u s-01:59 fiż-żona tal-ħin li għalih membru tal-ekwipaġġ ikun akklimatizzat.

(b) ‘Tip tard’ ta’ skeda li tfixkel tfisser:

(1) għal ‘tajrana li tibda kmieni’, perjodu ta’ xogħol li jibda fil-perjodu bejn il-05:00 u s-06:59 fil-żona tal-ħin li għalih membru tal-ekwipaġġ ikun akklimatizzat; u

(2) għal ‘tajrana li tintemm tard’, perjodu ta’ xogħol li jiġi fi tmiemu fil-perjodu bejn 00:00 u s-01:59 fil-żona tal-ħin li għalih membru tal-ekwipaġġ ikun akklimatizzat.

(c) ‘Xogħol bil-lejl’ tfisser perjodu ta’ xogħol li jidħol fi kwalunkwe porzjon tal-perjodu bejn is-02:00 u l-04:59 fiż-żona tal-ħin li għalih membru tal-ekwipaġġ ikun akklimatizzat.

‘Xogħol’ tfisser kwalunkwe komputu li jwettaq membru tal-ekwipaġġ għall-operatur, inkluż xogħol waqt it-tajrana, xogħol amministrattiv, l-għoti jew it-teħid ta’ taħriġ u l-iċċekkjar, il-pożizzjonament u xi elementi ta’ xogħol standby.

‘Perjodu ta’ xogħol’ tfisser perjodu li jibda meta membru tal-ekwipaġġ jintalab minn operatur biex jibda xogħol u jispiċċa meta dik il-persuna tkun ħielsa minn kull xogħol.

‘Tranżizzjoni Eastward-Westward u Westward-Eastward’ tfisser it-tranżizzjoni fil-bażi ta’ residenza bejn rotazzjoni li taqsam 6 żoni ta’ ħin jew aktar f’ direzzjoni waħda u rotazzjoni li taqsam 4 żoni ta’ ħin jew aktar fid-direzzjoni opposta.

‘Perjodu ta’ Xogħol fuq Tajrana (FDP)’ tfisser perjodu li jibda meta membru tal-ekwipaġġ jintalab biex jirrapporta għax-xogħol, li jista’ jinkludi tajrana jew serje ta’ tajraniet, u jispiċċa meta l-inġenju tal-ajru finalment jieqaf u jintfexxi l-magni kollha, fit-tmiem tal-aħħar tajrana fejn huwa jaġixxi bħala membru operattiv tal-ekwipaġġ.

‘Ħin tat-tajrana’ tfisser, għall-ajruplani u t-touring motor gliders, il-ħin minn meta l-inġenju tal-ajru jitlaq mill-post tal-parkeġġ tiegħu għat-take-off sakemm jieqaf fil-pożizzjoni tal-parkeġġ tiegħu u sakemm jintfew il-magni jew l-iskrejjen kollha.

‘Bażi ta’ residenza’ tfisser il-post assenjat mill-operatur lill-membru tal-ekwipaġġ, minn fejn il-membru tal-ekwipaġġ normalment jibda u jispiċċa perjodu ta’ xogħol jew serje ta’ perjodi ta’ xogħol u fejn, taħt ċirkostanzi normali, l-operatur ma jkunx responsabbli għall-akkomodazzjoni tal-membru tal-ekwipaġġ ikkonċernat.

‘Jum lokali’ tfisser perjodu ta’ 24 siegħa li jibda f’00:00 ħin lokali.

‘Lejl lokali’ tfisser perjodu ta’ 8 sigħat li jaqa’ bejn l-22:00 u t-08:00 ħin lokali.

‘Membru operattiv tal-ekwipaġġ’ tfisser membru tal-ekwipaġġ li jaqdi dmirijietu f’inġenju tal-ajru waqt tajrana.

‘Pożizzjonament’ tfisser it-trasferiment ta’ membru mhux operattiv tal-ekwipaġġ minn post għal ieħor, fuq talba tal-operatur, eskluż il-ħin mid-dar għall-post tar-rapportaġġ innominat fil-bażi ta’ residenza u viċi versa, kif ukoll il-ħin għat-trasferiment lokali minn post ta’ mistrieħ għall-bidu tax-xogħol u viċi versa.

‘Ħin ta’ referenza’ tfisser il-ħin lokali fil-post tar-rapportaġġ f’żona ta’ ħin ta’ sagħtejn madwar il-ħin lokali fejn ikun akklimatizzat membru tal-ekwipaġġ.

‘Faċilità ta’ mistrieħ’ tfisser kuċċetta jew siġġu b’post fejn isserraħ riġlejk u saqajk li tipprovi lil membru tal-ekwipaġġ b’opportunità ta’ rqaq abbord inġenju tal-ajru.

‘Riżerva’ tfisser perjodu ta’ żmien li matulu membru tal-ekwipaġġ jintalab mill-operatur biex ikun disponibbli sabiex jirċievi assenjazzjoni għal tajrana, pożizzjonament jew xogħol ieħor b’notifika ta’ mill-inqas 10 sigħat qabel il-bidu tax-xogħol assenjat.

‘Perjodu ta’ mistrieħ’ tfisser perjodu ta’ żmien kontinwu, mhux interrott u definit, li jiġi wara u/jew qabel ix-xogħol, li matulu membru tal-ekwipaġġ ikun ħieles mid-dmirijiet u r-riżervi kollha.

‘Rotazzjoni’ hija xogħol jew serje ta’ xogħlijiet, inkluż xogħol waqt mill-inqas tajrana waħda, u perjodi ta’ mistrieħ barra mill-bażi ta’ residenza, li jibdew fil-bażi ta’ residenza u jiġu fi tmiemhom lura fil-bażi ta’ residenza għal perjodu ta’ mistrieħ fejn l-operatur ma jkunx aktar responsabbli għall-akkomodazzjoni tal-membru tal-ekwipaġġ.

‘Jum wieħed liberu mix-xogħol’ tfisser, għall-fini tal-konformità mad-Direttiva tal-Kunsill 2000/79/KE tas-27 ta’ Novembru 2000, żmien liberu minn kull xogħol li jikkonsisti minn jum wieħed u żewġt iljeli lokali u li jista’ jinkludi perjodu ta’ mistrieħ bħala parti mill-ġurnata bla xogħol.

‘Settur’ tfisser il-ħin minn meta l-inġenju tal-ajru jitlaq mill-post tal-parkeġġ tiegħu għat-take-off sakemm jieqaf fil-pożizzjoni tal-parkeġġ tiegħu wara li jillandja.

‘Stennija għas-sejħa tax-xogħol’ (Standby) tfisser perjodu ta’ żmien definit u notifikat minn qabel li matulu membru tal-ekwipaġġ jintalab mill-operatur biex ikun disponibbli sabiex jirċievi assenjazzjoni għal tajrana, pożizzjonament jew xi xogħol ieħor mingħajr ma jidħol f’perjodu ta’ mistrieħ, kif ġej:

- (a) standby fl-ajruport tfisser stennija għas-sejħa tax-xogħol fl-ajruport, li tista’ twassal għal assenjazzjoni ta’ xogħol;
- (b) standby oħra tfisser stennija għas-sejħa tax-xogħol fid-dar jew f’akkomodazzjoni xierqa, li tista’ twassal għal assenjazzjoni ta’ xogħol.

‘Akkomodazzjoni xierqa’ tfisser, għall-fini ta’ xogħol standby u maqsum f’perjodi u mistrieħ minimu, kamra separata, b’faċilitajiet xierqa, għal kull membru tal-ekwipaġġ, f’ambjent kwiet, mgħammra b’sodda, ventilazzjoni suffiċjenti, tagħmir għar-regolazzjoni tat-temperatura u l-intensità tad-dawl, u b’aċċess għal ikel u xorb.

‘Operazzjonijiet fuq distanza twila ħafna (ULR)’ tfisser tajraniet fuq distanza twila li jkollhom tul ippjanat għat-tajrana ta’ aktar minn 16-il siegħa jew perjodu ta’ xogħol fuq tajrana ta’ aktar minn 18-il siegħa.

‘Window of Circadian Low (WOCL)’ tfisser il-perjodu bejn is-02:00 u s-05:59 fiż-żona tal-ħin li għalih membru tal-ekwipaġġ ikun akklimatizzat.

ORO.FTL.110 Responsabbiltajiet tal-operatur

Operatur għandu, fejn ikun applikabbli għat-tip ta’ operazzjoni:

- (a) jippubblika r-rosters tax-xogħol minn qabel biżżejjed sabiex tkun tista’ tiġi pprovduta l-opportunità għall-membri tal-ekwipaġġ li jippjanaw li jkollhom mistrieħ adegwat;
- (b) jiżgura li l-perjodi ta’ xogħol fuq tajrana jiġu pplanati b’tali mod li l-membri tal-ekwipaġġ ikunu jistgħu jibqgħu ħielsa b’mod suffiċjenti minn għeja kbira sabiex b’hekk ikunu jistgħu jaħdmu f’livell ta’ sigurtà sodisfaċenti taħt kull ċirkostanza;
- (c) jispeċifika l-ħinijiet ta’ rapportaġġ li jippermettu biżżejjed ħin għal xogħol fuq l-art;
- (d) jieħu f’kunsiderazzjoni r-relazzjoni bejn il-frekwenzi u l-mudell tal-perjodi tax-xogħol fuq tajrana u l-perjodi ta’ mistrieħ u jikkunsidra l-effetti kumulattivi ta’ sigħat tax-xogħol twal flimkien ma’ perjodi minimi ta’ mistrieħ;
- (e) jalloka mudelli tax-xogħol li jevitaw prattiki li jikkawżaw tfixkil serju tal-mudell stabbilit ta’ rqa/xogħol, bħall-alternazzjoni bejn dmirijiet matul il-jum/lejl;
- (f) japplika t-tip ta’ skeda li tfixkel stabbilita taħt ARO.OPS.230 meta ma tkunx tista’ tiġi evitata skeda li tfixkel;
- (g) jipprovdi perjodi ta’ mistrieħ ta’ ħin suffiċjenti sabiex il-membri tal-ekwipaġġ ikunu jistgħu jegħlbu l-effetti tad-doveri preċedenti u sabiex ikunu straħu biżżejjed sal-bidu tal-perjodu tax-xogħol fuq tajrana li jkun imiss;
- (h) jippjana perjodi estiżi u rikorrenti ta’ mistrieħ għall-irkupru u jinnotifika lill-membri tal-ekwipaġġ minn qabel biżżejjed;
- (i) jiżgura li t-tajraniet jiġu pplanati b’tali mod li jitlestew fil-perjodu permissibbli ta’ xogħol fuq tajrana, billi jieħu f’kunsiderazzjoni l-ħin neċessarju għax-xogħol li jrid isir qabel it-tajrana, it-tajrana nnifisha u l-ħinijiet ta’ rotazzjoni;
- (j) jibdel skeda u/jew l-arranġamenti relatati mal-ekwipaġġ jekk l-operazzjoni attwali taqbeż il-perjodu massimu ta’ xogħol fuq tajrana fuq aktar minn 33% tat-tajraniet f’dik l-iskeda matul perjodu staġjonali skedat.

ORO.FTL.115 Responsabbiltajiet tal-membri tal-ekwipaġġ

Il-membri tal-ekwipaġġ għandhom:

- (a) jikkonformaw ma' CAT.GEN.MPA.100 tal-Anness IV (Parti-CAT); u
- (b) jagħmlu l-aħjar użu mill-opportunitajiet u l-faċilitajiet għall-mistrieħ ipprovduti u jippjanaw u jużaw il-perjodi ta' mistrieħ tagħhom tajjeb.

ORO.FTL.120 Il-ġestjoni tar-riskju ta' għeja kbira (Fatigue risk management - FRM)

- (a) Meta tkun meħtieġa FRM minn din is-Subparti jew Speċifikazzjoni ta' Ċertifikazzjoni applikabbli, l-operatur għandu jstabilixxi, jimplementa u jżomm FRM bħala parti integrali mis-sistema tal-ġestjoni tiegħu. FRM għandha tiżgura l-konformità mar-Rekwiżiti Essenzjali 7.f., 7.g. u 8.f. tal-Anness IV għar-Regolament (KE) Nru 216/2008. L-FRM għandha tiġi deskritta fil-Manwal tal-Operazzjonijiet.
- (b) L-FRM stabbilita, implimentata u miżmuma sewwa għandha tinkludi:
 - (1) deskrizzjoni tal-filosofija u tal-prinċipji tal-operatur fir-rigward tal-FRM, imsemmija bħala l-politika tal-FRM;
 - (2) dokumentazzjoni tal-proċessi tal-FRM, inkluż proċess sabiex il-membri tal-persunal ikunu konxji tar-responsabbiltajiet tagħhom u tal-proċedura għall-emenda ta' din id-dokumentazzjoni;
 - (3) għarfien u prinċipji xjentifiċi;
 - (4) proċess ta' valutazzjoni tar-riskji u ta' identifikazzjoni tal-perikli li jippermetti l-ġestjoni tar-riskji operattivi tal-operatur li jirriżultaw mill-għeja kbira ta' membru tal-ekwipaġġ fuq bażi kontinwa;
 - (5) proċess ta' mitigazzjoni tar-riskji li jipprovdi azzjonijiet ta' rimedju li għandhom jiġu implimentati fil-pront u li huma neċessarji għall-mitigazzjoni b'mod effettiv tar-riskji tal-operatur li jirriżultaw mill-għeja kbira ta' membru tal-ekwipaġġ u għall-monitoraġġ kontinwu u l-valutazzjoni regolari tal-mitigazzjoni tar-riskji minn għeja kbira miksub minn azzjonijiet bħal dawn;
 - (6) u għandha tikkorrespondi għas-sistema tar-rosters jew għall-iskema ta' speċifikazzjoni tal-ħin tat-tajran li jintużaw mill-operatur;
 - (7) għandha tipprovdi titjib kontinwu fil-prestazzjoni globali tal-FRM;
 - (8) proċessi ta' assigurazzjoni tas-sigurtà tal-FRM;
 - (9) proċessi ta' promozzjoni tal-FRM.
- (c) L-FRM għandha tikkorrespondi għad-daqs tal-operatur u għan-natura u l-kumplessità tal-attivitajiet tiegħu, billi jittieħdu f'kunsiderazzjoni l-perikli u r-riskji assoċjati li huma inerenti f'dawn l-attivitajiet, kif ukoll l-iskema applikabbli ta' speċifikazzjoni tal-ħin tat-tajran.

- (d) L-operatur għandu jieħu azzjonijiet ta' mitigazzjoni meta l-proċess ta' assigurazzjoni tas-sigurtà tal-FRM juri li ma tkunx qiegħda tinżamm il-prestazzjoni tas-sigurtà meħtieġa.

ORO.FTL.125 Skemi ta' speċifikazzjoni tal-ħin tat-tajran

- (a) Mingħajr preġudizzju għad-Direttiva tal-Kunsill 2000/79/KE tas-27 ta' Novembru 2000 dwar il-Ftehim Ewropew fuq l-Organizzazzjoni tal-ħinijiet tax-Xogħol ta' Ħaddiema Mobbli fl-Avjazzjoni Ċivili, l-operaturi għandhom jistabbilixxu, jimplimentaw u jżommu skemi ta' speċifikazzjoni tal-ħin tat-tajran li jkunu addattati għat-tip(i) ta' operazzjoni mwettqa u li jkunu konformi mar-Regolament (KE) Nru 216/2008 u ma' din is-Subparti.
- (b) Qabel ma jiġu implimentati, l-iskemi ta' speċifikazzjoni tal-ħin tat-tajran għandhom jiġu approvati mill-awtorità kompetenti.
- (c) Sabiex juri l-konformità mar-Regolament (KE) Nru 216/2008 u ma' din is-Subparti, l-operatur għandu japplika l-Ispeċifikazzjonijiet taċ-Ċertifikazzjoni applikabbli adottati mill-Aġenzija. B'mod alternattiv, jekk l-operatur ikun irid jiddevja skont l-Artikolu 22 (2) tar-Regolament (KE) Nru 216/2008 mill-Ispeċifikazzjonijiet taċ-Ċertifikazzjoni adottati mill-Aġenzija, huwa għandu, qabel l-implimentazzjoni, jipprovi lill-awtorità kompetenti b'deskrizzjoni sħiħa tad-devjazzjoni. Id-deskrizzjoni għandha tinkludi kwalunkwe revizzjoni li ssir fil-manwali jew fil-proċeduri li tista' tkun rilevanti, kif ukoll valutazzjoni li turi li r-rekwiżiti tar-Regolament (KE) Nru 216/2008 u ta' din is-Subparti ġew issodisfati.

TAQSIMA 2

Operaturi Kummerċjali tat-Trasport bl-Ajru

ORO.FTL.200 Bażi ta' residenza

Operatur għandu jinnomina bażi ta' residenza għal kull membru tal-ekwipaġġ.

ORO.FTL.205 Perjodu ta' xogħol fuq tajrana (FDP)

- (a) L-operatur għandu:
- (1) jiddefinixxi l-ħinijiet tar-rapportaġġ xierqa għal kull operazzjoni individwali, billi jieħu f'kunsiderazzjoni l-ORO.FTL.110(ċ);
 - (2) jistabbilixxi proċeduri li jispeċifikaw kif il-kmandant għandu — f'każ ta' ċirkostanzi speċjali li jistgħu jwasslu għal għeja severa, u wara konsultazzjoni mal-membri tal-ekwipaġġ affettwati — inaqqas l-FDP attwali u/jew iżid il-perjodu ta' mistrieħ sabiex jelimina kwalunkwe effett detrimental fuq is-sigurtà tat-tajrana.
- (b) FDP massimu bażiku ta' kuljum.

- (1) L-FDP massimu ta' kuljum, mingħajr l-użu ta' estensjonijiet għall-membri tal-ekwipaġġ akklimatizzati, għandu jkun konformi mat-tabella li ġejja:

Tabella 1: FDP massimu ta' kuljum — Membri tal-ekwipaġġ akklimatizzati

Il-bidu tal-FDP	1-2 Setturi	3 Setturi	4 Setturi	5 Setturi	6 Setturi	7 Setturi	8 Setturi	9 Setturi	10 Setturi
0600–1329	13:00	12:30	12:00	11:30	11:00	10:30	10:00	09:30	09:00
1330–1359	12:45	12:15	11:45	11:15	10:45	10:15	09:45	09:15	09:00
1400–1429	12:30	12:00	11:30	11:00	10:30	10:00	09:30	09:00	09:00
1430–1459	12:15	11:45	11:15	10:45	10:15	09:45	09:15	09:00	09:00
1500–1529	12:00	11:30	11:00	10:30	10:00	09:30	09:00	09:00	09:00
1530–1559	11:45	11:15	10:45	10:15	09:45	09:15	09:00	09:00	09:00
1600–1629	11:30	11:00	10:30	10:00	09:30	09:00	09:00	09:00	09:00
1630–1659	11:15	10:45	10:15	09:45	09:15	09:00	09:00	09:00	09:00
1700–0459	11:00	10:30	10:00	09:30	09:00	09:00	09:00	09:00	09:00
0500–0514	12:00	11:30	11:00	10:30	10:00	09:30	09:00	09:00	09:00
0515–0529	12:15	11:45	11:15	10:45	10:15	09:45	09:15	09:00	09:00
0530–0544	12:30	12:00	11:30	11:00	10:30	10:00	09:30	09:00	09:00
0545–0559	12:45	12:15	11:45	11:15	10:45	10:15	09:45	09:15	09:00

(2) L-FDP massimu ta' kuljum, meta l-membri tal-ekwipaġġ ikunu fi stat mhux magħruf ta' akklimatizzazzjoni, għandu jkun konformi mat-tabella li ġejja:

(i) Membri tal-ekwipaġġ fi stat mhux magħruf ta' akklimatizzazzjoni

FDP massimu ta' kuljum skont is-setturi						
1-2	3	4	5	6	7	8
11:00	10:30	10:00	09:30	09:00	09:00	09:00

(3) L-FDP massimu ta' kuljum, meta l-membri tal-ekwipaġġ ikunu fi stat mhux magħruf ta' akklimatizzazzjoni u meta l-operatur ikun implimenta FRM, għandu jkun konformi mat-tabella li ġejja:

(ii) Membri tal-ekwipaġġ fi stat mhux magħruf ta' akklimatizzazzjoni taħt FRM

Il-valuri li jidhru fit-tabella ta' hawn taħt jistgħu japplikaw diment li l-FRM tal-operatur timmonitorja kontinwament li tkun qiegħda tinżamm il-prestazzjoni tas-sigurtà meħtieġa.

FDP massimu ta' kuljum skont is-setturi						
1-2	3	4	5	6	7	8
12:00	11:30	11:00	10:30	10:00	09:30	09:00

(c) FDP b'ħinijiet ta' rapportaġġ differenti għall-ekwipaġġ tat-tajrana u għall-ekwipaġġ tal-kabina.

Kull meta membru tal-ekwipaġġ tal-kabina jkun jeħtieġ aktar żmien mill-ekwipaġġ tat-tajrana għall-ġoti ta' tagħrif qabel it-tajrana għall-istess tajrana jew għal serje ta' tajraniet, l-FDP tal-ekwipaġġ tal-kabina jista' jiġi estiż bid-differenza fil-ħin tar-rapportaġġ bejn l-ekwipaġġ tal-kabina u l-ekwipaġġ tat-tajrana. Id-differenza ma għandhiex tkun ta' aktar minn 60 minuta. L-FDP massimu ta' kuljum għall-ekwipaġġ tal-kabina għandu jkun ibbażat fuq il-ħin meta l-membri tal-ekwipaġġ tat-tajrana jirrapportaw għall-FDP tagħhom, iżda l-FDP għandu jibda fil-ħin tar-rapportaġġ tal-ekwipaġġ tal-kabina.

(d) FDP massimu ta' kuljum bl-użu ta' estensjonijiet mingħajr mistrieħ waqt tajrana.

(1) L-FDP massimu ta' kuljum jista' jiġi estiż b'sa siegħa sa darbtejn fi kwalunkwe sebat ijiem konsekuttivi. F'dak il-każ:

(i) il-perjodi minimi ta' mistrieħ qabel tajrana u wara tajrana għandhom jiżdiedu b'sagħtejn; jew

(ii) il-perjodu ta' mistrieħ wara tajrana għandu jiżdied b'4 sigħat.

(2) L-użu tal-estensjoni għandu jiġi pplanat minn qabel u għandu jkun limitat għal massimu ta':

(i) 5 setturi meta l-FDP ma jidħolx fuq il-WOCL; jew

(ii) 4 setturi, meta l-FDP jidħol fuq il-WOCL b'sagħtejn jew inqas; jew

(iii) 2 setturi, meta l-FDP jidħol fuq il-WOCL b'aktar minn sagħtejn.

(3) L-estensjoni tal-FDP massimu bażiku ta' kuljum mingħajr mistrieħ waqt tajrana ma għandhiex tiġi kkombinata ma' estensjonijiet dovuti għal mistrieħ waqt tajrana jew xogħol maqsum fl-istess perjodu ta' xogħol.

(4) Meta l-estensjonijiet jintużaw għal FDPs konsekuttivi, il-mistrieħ addizzjonali qabel u wara tajrana bejn iż-żewġ FDPs estiżi għandu jiġi pprovdut b'mod konsekuttiv.

- (5) L-iskemi ta' speċifikazzjoni tal-ħin tat-tajran għandhom jispeċifikaw il-limiti għall-estensjonijiet tal-FDP massimu bażiku ta' kuljum skont l-Ispeċifikazzjonijiet ta' Ċertifikazzjoni applikabbli għat-tip ta' operazzjoni, billi jittieħdu f'kunsiderazzjoni:
- (i) in-numru ta' setturi li jkun sar tajran fihom; u
 - (ii) id-dħul fuq il-WOCL.
- (e) L-FDP massimu ta' kuljum bl-użu ta' estensjonijiet minħabba mistrieħ waqt tajrana.
- (1) L-iskemi ta' speċifikazzjoni tal-ħin tat-tajran għandhom jispeċifikaw il-kondizzjonijiet għall-estensjonijiet tal-FDP massimu bażiku ta' kuljum b'mistrieħ waqt tajrana skont l-Ispeċifikazzjonijiet ta' Ċertifikazzjoni applikabbli għat-tip ta' operazzjoni, billi jittieħdu f'kunsiderazzjoni:
- (i) in-numru ta' setturi li jkun sar tajran fihom;
 - (ii) il-mistrieħ minimu waqt tajrana allokat għal kull membru tal-ekwipaġġ;
 - (iii) it-tip ta' faċilitajiet għal mistrieħ waqt tajrana; u
 - (iv) iż-żieda tal-ekwipaġġ bażiku ta' tajrana.
- (f) Ċirkostanzi mhux mistennija fl-operazzjonijiet ta' tajran — id-diskrezzjoni tal-kmandant.
- (1) Il-kondizzjonijiet għall-modifikazzjoni tal-limiti fuq il-perjodi ta' xogħol waqt tajrana, fuq il-perjodi tax-xogħol u fuq il-perjodi ta' mistrieħ mill-kmandant fil-każ ta' ċirkostanzi mhux mistennija fl-operazzjonijiet ta' tajran li jibdew fil-ħin tar-rapportaġġ jew wara l-ħin tar-rapportaġġ għandhom ikunu konformi ma' dawn li ġejjin:
- (i) l-FDP massimu bażiku ta' kuljum li jirriżulta wara l-applikazzjoni ta' (b), (e) jew ORO.FTL.220 ma jistax jiżdied b'aktar minn sagħtejn sakemm ma jiżdiedx l-ekwipaġġ ta' tajrana, f'liema każ il-perjodu ta' xogħol massimu waqt tajrana jista' jiżdied b'mhux aktar minn 3 sigħat;
 - (ii) jekk fis-settur finali fi ħdan FDP iseħħu ċirkostanzi mhux mistennija wara t-tluq u jirriżultaw fiż-żieda permessa li tinqabeż, it-tajrana tista' tkompli lejn id-destinazzjoni ppjanata jew alternattiva; u
 - (iii) il-perjodu ta' mistrieħ wara FDP jista' jitnaqqas, iżda qatt għal inqas minn 10 sigħat.

- (2) Fil-każ ta' ċirkostanzi mhux mistennija li jistgħu jwasslu għal għeja severa, il-kmandant għandu jnaqqas il-perjodu attwali ta' xogħol waqt tajrana u/jew iżid il-perjodu ta' mistrieħ sabiex jelimina kwalunkwe effett detrimental fuq is-sigurtà tat-tajrana.
 - (3) Il-kmandant għandu jikkonsulta lill-membri kollha tal-ekwipaġġ dwar il-livelli ta' viġilanza tagħhom qabel jieħu deċiżjoni fuq dawn il-modifiki.
 - (4) L-operatur għandu jitlob lill-kmandant biex jibgħat rapport lill-operatur meta jiżdied FDP jew meta jitnaqqas perjodu ta' mistrieħ skont id-diskrezzjoni tiegħu.
 - (5) Meta ż-żieda ta' FDP jew it-tnaqqis ta' perjodu ta' mistrieħ ikunu ta' aktar minn siegħa, kopja tar-rapport, li miegħu l-operatur għandu jżid il-kummenti tiegħu, għandha tintbagħat lill-awtorità kompetenti mhux aktar tard minn 28 ġurnata wara l-avveniment.
 - (6) L-operatur għandu jimplementa proċess mhux punittiv għall-użu tad-diskrezzjoni deskritta taħt din id-dispożizzjoni u għandu jiddeskrivi dan il-proċess fil-Manwal tal-Operazzjonijiet.
- (g) Ċirkostanzi mhux mistennija fl-operazzjonijiet ta' tajran — dewmien fir-rapportaġġ
- L-operatur għandu jistabbilixxi proċeduri għal dewmien fir-rapportaġġ fil-Manwal tal-Operazzjonijiet skont l-Ispeċifikazzjonijiet ta' Ċertifikazzjoni applikabbli għat-tip ta' operazzjoni.

ORO.FTL.210 Il-ħinijiet tat-tajran u l-perjodi tax-xogħol

- (a) Il-perjodi tax-xogħol totali li għalihom jista' jiġi assenjat membru tal-ekwipaġġ ma għandhomx ikunu ta' aktar minn:
 - (1) 60 siegħa ta' xogħol fi kwalunkwe sebat ijiem konsekuttivi;
 - (2) 110 sigħat ta' xogħol fi kwalunkwe 14-il jum konsekuttivi; u
 - (3) 190 siegħa ta' xogħol fi kwalunkwe 28 jum konsekuttivi, mifruxin b'mod indaqs kemm jista' jkun prattiku matul dan il-perjodu.
- (b) Il-ħin tat-tajran totali tat-tajraniet li fuqhom ikun assenjat membru tal-ekwipaġġ individwali bħala membru operattiv tal-ekwipaġġ ma għandux ikun ta' aktar minn:
 - (1) 100 siegħa ta' ħin ta' tajran fi kwalunkwe 28 jum konsekuttivi; u
 - (2) 900 siegħa ta' ħin ta' tajran fi kwalunkwe sena kalendarja; u
 - (3) 1 000 siegħa ta' ħin ta' tajran fi kwalunkwe 12-il xahar kalendarju konsekuttivi.

- (c) Ix-xogħol wara tajrana għandu jgħodd ukoll bħala xogħol. L-operatur għandu jispeċifika fil-Manwal tal-Operazzjonijiet tiegħu l-perjodu ta' ħin minimu għal xogħol wara tajrana.

ORO.FTL.215 Pożizzjonament

Jekk l-operaturi joffru pożizzjonament lill-membri tal-ekwipaġġ, għandhom japplikaw dawn li ġejjin:

- (a) Pożizzjonament wara li jirrapportaw iżda qabel ma joperaw għandu jiġi inkluż bħala parti mill-FDP iżda ma għandux jgħodd bħala settur.
- (b) Il-ħin kollu li jittieħed fuq il-pożizzjonament għandu jgħodd bħala ħin tax-xogħol.

ORO.FTL.220 Xogħol maqsum

- (a) L-iskemi ta' speċifikazzjoni tal-ħin tat-tajran għandhom jispeċifikaw l-elementi li ġejjin għax-xogħol maqsum skont l-Ispeċifikazzjonijiet ta' Ċertifikazzjoni applikabbli għat-tip ta' operazzjoni:
 - (1) it-tul ta' żmien minimu ta' pawża fuq l-art; u
 - (2) permezz ta' deroga minn ORO.FTL.205(b), il-possibbiltà li jiżdied l-FDP, billi jittieħed f'kunsiderazzjoni t-tul ta' żmien tal-pawża fuq l-art, u l-faċilitajiet ipprovduti lill-membri tal-ekwipaġġ biex jistrieħ u fatturi rilevanti oħrajn.
- (b) Il-pawża fuq l-art għandha tgħodd kollha bħala FDP.
- (c) Ix-xogħol maqsum ma għandux isegwi mistrieħ imnaqqas.

ORO.FTL.225 Stennija għas-sejħa tax-xogħol (standby) u xogħol fl-ajruport

Jekk l-operaturi jassenjaw lil membri tal-ekwipaġġ xogħol fl-ajruport jew standby, għandhom japplikaw dawn li ġejjin skont l-Ispeċifikazzjonijiet ta' Ċertifikazzjoni applikabbli għat-tip ta' operazzjoni:

- (a) Ix-xogħol fl-ajruport u standby għandu jitqassam b'roster u l-ħin tal-bidu u tat-tmien ta' standby għandu jiġi definit u nnotifikat minn qabel lill-membri tal-ekwipaġġ affettwati sabiex b'hekk ikollhom l-opportunità li jipplanaw mistrieħ adegwat.
- (b) Ix-xogħol fl-ajruport għandu jgħodd kollu bħala ħin tax-xogħol u l-FDP għandu jgħodd kollu mill-ħin tar-rapportaġġ tax-xogħol fl-ajruport.
- (c) L-operatur għandu jipprovdi akkomodazzjoni lill-membri tal-ekwipaġġ fuq standby fl-ajruport.
- (d) L-iskemi ta' speċifikazzjoni tal-ħin tat-tajran għandhom jispeċifikaw l-elementi li ġejjin:
 - (1) it-tul ta' ħin massimu ta' kwalunkwe standby;

- (2) l-impatt ta' standby fuq l-FDP massimu li jista' jiġi assenjat, billi jittieħdu f'kunsiderazzjoni l-faċilitajiet ipprovduti lill-membri tal-ekwipaġġ biex jistrieħ, u fatturi rilevanti oħrajn, bħall-ħtieġa għal prontezza immedjata tal-membri tal-ekwipaġġ, l-interferenza ta' standby mal-irqad u/jew notifika suffiċjenti li tiproteġi opportunità ta' irqad bejn is-sejħa għax-xogħol u l-FDP assenjat;
- (3) il-perjodu minimu bażiku ta' mistrieħ wara standby, li ma jwassalx għal assenjazzjoni ta' FDP; u
- (4) kif il-ħin imqatta' fuq standby għandu jingħadd għall-fini ta' sigħat tax-xogħol kumulattivi.

ORO.FTL.230 Riżerva

Jekk l-operaturi jassenjaw lil membri tal-ekwipaġġ għal riżerva, għandhom japplikaw dawn li ġejjin skont l-Ispeċifikazzjonijiet ta' Ċertifikazzjoni applikabbli għat-tip ta' operazzjoni:

- (a) Ir-riżerva għandha titqassam b'roster;
- (b) L-iskemi ta' speċifikazzjoni tal-ħin tat-tajran għandhom jispeċifikaw l-elementi li ġejjin:
 - (1) it-tul ta' ħin massimu ta' kwalunkwe perjodu wieħed ta' riżerva;
 - (2) in-numru ta' ġranet ta' riżerva konsekuttivi li jistgħu jiġu assenjati lil membru tal-ekwipaġġ.

ORO.FTL.235 Perjodi ta' mistrieħ

- (a) Perjodu ta' mistrieħ minimu fil-bażi ta' residenza.

Il-perjodu ta' mistrieħ minimu pprovdut qabel jitwettaq FDP li jibda fil-bażi ta' residenza għandu:

- (1) jkun twil mill-inqas daqs il-perjodu ta' xogħol preċedenti, jew 12-il siegħa, skont liema minnhom ikun l-itwal; jew
- (2) ikun konformi ma' (b), jekk l-operatur jipprovdwi akkomodazzjoni xierqa lill-membri tal-ekwipaġġ.

- (b) Perjodu ta' mistrieħ minimu 'l bogħod mill-bażi ta' residenza.

Il-perjodu ta' mistrieħ minimu li jrid jiġi pprovdut qabel jitwettaq FDP 'il bogħod mill-bażi ta' residenza għandu jkun twil mill-inqas daqs il-perjodu ta' xogħol preċedenti, jew 10 sigħat, skont liema minnhom ikun l-itwal. Dan il-perjodu għandu jinkludi opportunità ta' irqad ta' 8 sigħat, flimkien mal-ħin għall-ivvjaġġar u għall-ħtiġijiet fiżjoloġiċi.

- (c) Mistrieħ imnaqqas

Permezz ta' deroga minn (a) u (b), l-iskemi ta' speċifikazzjoni tal-ħin tat-tajran jistgħu jnaqqsu l-perjodi ta' mistrieħ minimi, billi jieħdu f'kunsiderazzjoni l-elementi li ġejjin skont l-Ispeċifikazzjonijiet ta' Ċertifikazzjoni applikabbli għat-tip ta' operazzjoni:

- (1) il-perjodu minimu ta' mistrieħ imnaqqas;

- (2) iż-żieda tal-perjodu ta' mistrieħ sussegwenti; u
- (3) it-tnaqqis tal-FDP wara l-mistrieħ imnaqqas.

(d) Perjodi estiżi u rikorrenti ta' mistrieħ għall-irkupru

L-iskemi ta' speċifikazzjoni tal-ħin tat-tajran għandhom jispeċifikaw il-perjodi estiżi u rikorrenti ta' mistrieħ għall-irkupru sabiex jikkumpensaw għal għeja kumulattiva. Il-perjodu estiż u rikorrenti minimu ta' mistrieħ għall-irkupru għandu jkun ta' 36 siegħa, inklużi żewġt iljieli lokali, b'tali mod li qatt ma jkun hemm aktar minn 168 siegħa bejn it-tmiem ta' perjodu estiż u rikorrenti wieħed ta' mistrieħ għall-irkupru u l-bidu tal-perjodu estiż li jmiss ta' mistrieħ għall-irkupru. Il-perjodu estiż u rikorrenti ta' mistrieħ għall-irkupru għandu jżied għal jumejn darbejn fiż-xahar.

(e) L-iskemi ta' speċifikazzjoni tal-ħin tat-tajran għandhom jispeċifikaw perjodi ta' mistrieħ addizzjonali skont l-Ispeċifikazzjonijiet ta' Ċertifikazzjoni applikabbli sabiex jikkumpensaw għal:

- (1) l-effetti tad-differenzi fiż-żona tal-ħin u l-estensjonijiet tal-FDP;
- (2) għeja kumulattiva addizzjonali minħabba skedi li jfixklu; u
- (3) bidla fil-bażi ta' residenza.

ORO.FTL.240 Nutriment

- (a) Għandha tiġi pprovduta opportunità ta' ikel u xorb matul l-FDP sabiex tiġi evitata kwalunkwe ħsara fil-prestazzjoni tal-membri tal-ekwipaġġ, speċjalment meta l-FDP jaqbeż is-6 sigħat.
- (b) Operatur għandu jispeċifika fil-Manwal tal-Operazzjonijiet tiegħu kif għandu jiġi żgurati in-nutrient tal-membri tal-ekwipaġġ matul l-FDP.

ORO.FTL.245 Reġistri tal-ħin tat-tajran u tax-xogħol u tal-perjodi ta' mistrieħ

- (a) L-operaturi għandhom iżommu, għal perjodu ta' 24 xahar:
 - (1) Reġistri individwali għal kull membru tal-ekwipaġġ, li jinkludu:
 - (i) il-ħinijiet tat-tajran;
 - (ii) il-bidu, it-tul u t-tmiem ta' kull perjodu ta' xogħol u l-FDP;
 - (iii) il-perjodi ta' mistrieħ u l-ġranet ħielsa mix-xogħol; u
 - (iv) il-bażi ta' residenza assenjata.
 - (2) Rapportji dwar il-perjodi estiżi ta' xogħol fuq tajrana u l-perjodi ta' mistrieħ imnaqqsa.
- (b) Fuq talba, l-operatur għandu jipprovdi kopji tar-reġistri individwali tal-ħin tat-tajran u tax-xogħol u tal-perjodi ta' mistrieħ għal:

- (1) membru tal-ekwipaġġ ikkonċernat; u
 - (2) operatur ieħor, fir-rigward ta' membru tal-ekwipaġġ li huwa jew li jsir membru tal-ekwipaġġ tal-operatur ikkonċernat.
- (c) Ir-reġistri msemmija f'CAT.GEN.MPA.100 (b)(5) fir-rigward ta' membri tal-ekwipaġġ li jwettqu funzjonijiet għal aktar minn operatur wieħed għandhom jinżammu għal perjodu ta' 24 xahar.

ORO.FTL.250 Taħriġ dwar il-ġestjoni ta' għeja kbira

- (a) L-operatur għandu jipprovdi taħriġ inizjali u rikorrenti dwar il-ġestjoni ta' għeja kbira lill-membri tal-ekwipaġġ, lill-persunal li jagħmel ir-rosters tal-ekwipaġġ u lill-persunal amministrattiv ikkonċernat.
- (b) Dan it-taħriġ għandu jsegwi programm ta' taħriġ stabbilit mill-operatur u deskritt fil-Manwal tal-Operazzjonijiet. Is-sillabu tat-taħriġ għandu jkopri l-kawżi u l-effetti possibbli tal-għeja kbira, kif ukoll il-kontromiżura għall-għeja kbira.